**20 ta' Novembru, 1984**

**Imħallef:-**

**Onor. J.A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**

Nadette Gauci Borda

*versus*

Joseph Vella Brincat

**Self - Self *Brevi Manu* - Imgħaxijiet**

*Minn evalwazzjoni tal-fatti u ċ-ċirkostanzi, il-Qorti laqgħet talba attriċi għall-kundanna ta' ħlas ta' imgħaxijiet.*

Il-Qorti:-

L-attriċi f'din il-kawża qegħda tallega li fid-9 ta' Mejju, 1981, l-attriċi silfet *brevi manu* lill-konvenut is-somma ta' Lm1,705 li kellha tiġi rifuża ratealment flimkien ma' l-imgħax bir-rata ta' 5%, li l-konvenut għamel diversi pagamenti akkont, kif jidher mill-prospett Dok. A., tant li fadallu jagħti s-somma bilanċjali ta' Lm158.76,9 bl-imgħax mill-5 ta' Marzu, 1984 u li billi dan għalkemm mitlub baqa' ma ħallasx, kellha ssir din iċ-ċitazzjoni;

Min-naħa tiegħu, il-konvenut eċċepixxa: waħda li hu kien ħallas is-somma pretiża fl-intier tagħha, u fit-tieni lok għaliex it-talba ta' l-attriċi dwar l-imgħax hija nfondata. Fid-dikjarazzjoni tiegħu l-konvenut elabora l-eċċezzjonijiet tiegħu fis-sens li l-aħħar ħlas li kien għamel kien b'*cheque* numru B/411556. Ma' dan kienet intbagħtet ittra, li kopja tagħha tinsab esebita, Dok. C. Din l-ittra ġġib id-data ta' l-1 ta' Novembru, 1983. Issa l-konvenut qed jippretendi li skond il-ġurisprudenza stabbilita l-klawsola li l-konvenut niżżel fl-ittra "*in full and final settlement*" tkopriħ milli jħallas kwalunkwe imgħax li seta' kien dovut. Barra minn hekk hu jallega li bejn il-partijiet qatt ma kien hemm ebda ftehim dwar l-imgħax;

Skond il-kopja ta' l-ittra li magħha ntbagħat iċ-*cheque* fl-1 ta' Novembru, 1983, hemm miktub "*Enclosed please find cheque No. B/411556 drawn on Bank of Valletta Limited for the amount of Lm55.51,2 loaned by yourself in my favour on the 9th of May, 1981*". Minn eżami ta' din l-ittra li intbagħtet maċ-*cheque de quo* jidher għalhekk li min bgħatha u rċeviha u sarraf iċ-*cheque*, kellu f'moħħu biss li s-somma ta' Lm55.51,2 kienet saret għas-saldu tal-bilanċ tas-somma, bħala kapital u dan ad esklużjoni ta' kwalunkwe mgħaxijiet li setgħu kienu dovuti;

Għal biex jiġi stabbilit kienx hemm ftehim dwar l-imgħaxijiet fuq is-somma mislufa, wieħed irid iħares mhux lejn din l-ittra fuq imsemmija iżda lejn kwalunkwe ftehim li seta' sar bejn il-partijiet fl-okkażjoni ta' meta sar is-self. Il-flus kienet ħarġithom l-attriċi, li oħtha kienet miżżewġa, dak iż-żmien, lill-konvenut. Il-ftehim kien li hi tisilfu s-somma miftehma u li kellha titħallas ratealment. Wara l-ħlas tas-somma, il-konvenut kellu jħallas l-imgħaxijiet fuq is-somma bil-5 fil-mija (fol. 16). Mill-kontenut ta' l-irċevuta tal-15 ta' Ġunju, 1982 (fol. 6), jidher li l-partijiet kienu ftehmu fuq imgħaxijiet u kemm kellhom ikunu. Għalhekk f'dan ir-rigward il-versjoni ta' l-attriċi tinsab korroborata. Din l-irċevuta kienet ġiet ittajpjata minn oħt l-attriċi li dak iż-żmien kienet għada miżżewġa mal-konvenut;

Sussegwentement, iż-żwieġ ta' bejn oħt l-attriċi u l-konvenut kien ġie ddikjarat null u ġara dak li ġara. Din xeħdet ukoll li kienet taf li l-partijiet kienu ftehmu dwar imgħax li kellu jitħallas. Infatti hi kienet ċediet xi drittijiet lil żewġha biex hu jassumi d-debiti tal-komunjoni tal-kwistjoni. Dan sar fl-okkażjoni tas-separazzjoni ta' bejniethom. Il-konvenut qatt ma deher fil-kawża u anqas ressaq xhieda għad li kellu kull opportunità li, bħall-attriċi, jixhed jew iressaq provi oħra. Kif ġà ntqal, il-versjoni ta' l-attriċi tinsab konfortata mill-fatti. Meta hija rċeviet is-somma bilanċjali biċ-*cheque de quo*, hija rċevietha għas-saldu tas-somma ta' Lm1,705.51,2 u għalhekk kellha raġun taċċettahom. B'ebda mod dik il-*covering note*, Dok. C, ma tista' tiġi nterpretata bħala *in full and final settlement* ta' kwalunkwe pretensjoni ta' l-attriċi. Din trid tinftiehem biss fis-sens u fit-terminu tal-kliem preċiż ta' kif inkitbet u ċjoè għas-saldu tal-kapital. F'din l-ittra m'hemm ebda menzjoni ta' imgħax. Però, kif jirriżulta mill-provi prodotti, imgħax miftiehem, kien hemm u hu dak li l-attriċi qegħda bir-raġun kollu titlob fiċ-ċitazzjoni. Kwindi għalhekk jidher li l-pretensjoni ta' l-attriċi hija valida u għandha tiġi milqugħa.

Kwalunkwe interpretazzjoni oħra li tista' tingħata lill-*covering letter* in kwistjoni tista' sservi biss biex il-konvenut jevadi jħallas dak li hu jaf li hu dovut u bil-kliem li uża fl-ittra, Dok. C, arbitrarjament ikun irnexxilu;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċidi billi tilqa' t-talba ta' l-attriċi u għalhekk tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' Lm158.76,9 għar-raġunijiet imsemmija fiċ-ċitazzjoni;

Bl-ispejjeż.